MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2006

Numru 902/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY PORTELLI**

**VS**

**JOSEPH ATTARD**
**MASSIMO CARUSO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imtazzjonijiet migjuba kontra Joseph Attard, ta’ 29 sena, bin Victor u Lorraine nee’ Fraklyn, imwieled tal-Pieta’ nhar l-14 ta’ Awissu, 1975, u li joqghod fil-fond numru 9, Triq San Pawl, Hal-Ghaxaq, u li huwa detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 457 275 (M);

U Massimo Caruso, ta’ 31 sena, bin Antonio u Vera nee’ Spada, imwieled Siracusa, nahr l-14 ta’ Jannar, 1973, u li

joqghod fil-fond numru 26, Triq il-Mithna, Zurrieq, u li huwa detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 22119(A);

Akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, nhar id-19 ta' Ottubru, 2004, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

Talli nhar id-19 ta' Ottubru, 2004, gewwa l-Gudja, f'xi hin wara nofsinhar, ikkomettew serq ta' diversi oggetti tad-deheb li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta' Lm100.00 (mitt lira maltin) izda anqas minn Lm1,000.00 (elf lira maltin) mill-fond bl-isem 'Nid d'Amour', Triq Hal-Resqun, Gudja, ghad-dannu ta' John Agius, liema serq huwa kkwalifikat fil-mezz, lok u valur;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u u cirkostanzi, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara f'tieqa tal-*aluminium* tal-imsemmija residenza, liema hsara taccedi l-Lm10.00 (ghaxar liri maltin) izda ma taccedix il-Lm50.00 (hamsin lira maltin) u dan sar ghad-dannu tal-imsemmi John Agius;

U aktar talli fid-19 ta' Ottubru, 2004, ghall-habta tal-4.00 ta' wara nofsinhar, waqt li kienu f'Hal-Ghaxaq, bil-hsieb li jaghmlu delitt, u cioe' serq mill-fond 'Caron Gardon', Triq Joseph Gravina, Hal-Ghaxaq, wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' taghhom u li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-valur li jiskorri l-Lm1,000.00 (elf lira maltin), bil-lok u bil-mezz ghad-detriment ta' Jonathan Camilleri minn Hal-Ghaxaq;

U aktar talli saru recedivi b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

U fl-ahharnett talli **Massimo Caruso wahdu** kiser il-Provediment ta' sentenza ta' prigunerija ghall-sentejn sospiza ghal erba' snin moghtija lilu fid-9 ta' Jannar, 2002,

mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), mill-Magistrat Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D;

U aktar talli kiser Ordni ta' *Probation* moghtija liulu mill-Magistrat Dr Lawrence Quintano LL.D., data 11 ta' Novembru, 2003.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli 18, 261(b)(c)(e), 263, 267, 269, 278, 279;
L-Artikolu 325;
L-Artikoli 41(1)(a);
U kif ukoll l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-konfront ta' **Massimo Caruso wahdu** l-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali;
U kif ukoll l-Artikolu 21 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputati Massimo Caruso u Joseph Attard hatja tal-akkuzi kif dedotti, u tikkundannahom ghal terminu ta' prigunerija ta' erba' (4) snin kull wiehed.

*Inoltre* fil-konfront ta' Massimo Caruso tordna wkoll li ssir operattiva s-sentenza sospiza moghtija fid-9 ta' Jannar, 2002, *ai termini* tal-Artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------